A.L. 56 ta' l-1991

ATT TA' L-1991 DWAR L-EDUKAZZJONI (ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti ta' l-1990 li jistabilixxu Kurrikulu Minimu Nazzjonali (Livell Post-Sekondarju)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 45 ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u ta' l-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu Regolamenti ta' l-1991 li jistabilixxu Kurrikulu Minimu Nazzjonali (Livell Post-Sekondarju) u għandhom jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Settembru, 1991.

Kurrikulu Nazzjonali.

2. Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali ta' studju għall-iskejjel ta' livell sekondarju, kif previst fl-artikolu 5 ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni għandu jkun dak imdaħħal fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

SKEDA

Kurrikulu Minimu Nazzjonali
(Livell Post-Sekondarju)

Dan il-Kurrikulu jassumi li fil-futur immedjat, it-tagħlim f'istituzzjoni formali, 'il fuq mill-età ta' l-attendenza obbligatorja, se jkun ir-regola u mhux l-eċċezzjoni, u jqis li ma' speċjalizzazzjoni dejjem aktar mifruxa, huwa għaqli li jkollna bażi komuni ta' għerf u kapaċitajiet li jgħollu l-livell kif ukoll jagħmluh iktar rilevanti.

Jiswa, kemm għall-iżvilupp tat-talenti partikolari ta' kull student, kif ukoll għall-flessibilità biex jadatta ruħu għal, u jikkontribwixxi lejn it-tibdil soċjo-ekonomiku, li din il-bażi komuni li bdiet tinbena u tissaħħaħ fil-primarji u s-sekondarji, tkompli titwettaq fil-livell post-sekondarju. Huwa ċertament fl-interess tal-komunità kollha li pajjiżna jkollu medja kulturali f'livell ogħla.

Skopijiet

Hi x'inhi n-natura ta' xi istituzzjoni post-sekondarja, kemm jekk immedjatament professjonali u kemm jekk twassal għal speċjalizzazzjoni aktar tard, il-Kurrikulu għandu jilħaq, permezz ta' bażi komuni, dawn l-iskopijiet prinċipali:—

(1) Li permezz ta' l-edukazzjoni jibni l-personalità sħiħa;

(2) Li jsawwar fl-istudent atteġġjament orjentat sewwa lejn il-komunità, permezz tad-djalogu, ix-xogħol fi grupp, is-sens ta' solidarjetà lejn ħaddieħor u l-etika tax-xogħol;

(3) Li jifrex aktar fil-wisa' t-tagħlim biex titkabbar aktar il-flessibiltà fil-mod ta' kif wieħed jadatta ruħu u jikkontribwixxi lejn forom ġodda ta' xogħol;

(4) Li jkabbar il-ġudizzju ta' l-istudent billi jħajjar fih riflessjoni aktar mátura dwar it-tagħlim speċjalizzat fil-korsijiet li jkun għażel, b'mod li tgħinu wkoll jorbot dan f'oqsma oħra ta' għerf fuq sfond soċjali u kulturali aktar miftuħ;

(5) Li jħejji l-istudent għall-ħajja demokratika tassew permezz ta' l-iżvilupp tal-fakoltà kritika u ta' l-abbiltà li jgħarbel l-informazzjoni, u dan fi żmien, li qed isir aktar u aktar wieħed ta' informazzjoni kontinwa;

(6) Li jrawwem fl-istudent is-sengħa ta' kif igħallem lilu nnifsu, billi jibda jerfa' r-responsabbiltà għall-edukazzjoni tiegħu stess tul ħajtu kollha.

Il-funzjonijiet tal-Kurrikulu Minimu ta' wara s-sittax-il sena

(1) L-ewwel funzjoni ta' l-Edukazzjoni Post-Sekondarja hija li tibda l-proċess ta' speċjalizzazzjoni vera. B'dan però, wieħed, il-ħin kollu, irid jagħmel enfasi fuq il-fatt li l-edukazzjoni ma tispiċċa qatt u li l-ispeċjalizzazzjoni qatt m'għandha titbiegħed għal kollox miz-zokk prinċipali ta' l-għerf tax-xjenza.

(2) It-tieni funzjoni hi dik li tnaqqas dejjem aktar il-perċentwali ta' dawk iċ-ċittadini li m'humiex kwalifikati biżżejjed biex jagħtu xi servizz partikulari fid-dinja tax-xogħol. Hawn għandu jingħad li, bħalma ntqal dwar l-ewwel livell ta' l-edukazzjoni formali, min qed jitgħallem huwa ċ-ċentru tal-proċess kollu u għalhekk l-għażla ta' l-ispeċjalizzazzjoni tista' tkun iggwidata u indirizzata, iżda qatt imposta fuq l-istudent.

L-iżvilupp dejjem mgħaġġel tal-bidla xjentifika u teknoloġika, kif ukoll il-bidliet xejn anqas mgħaġġla u bla waqfien, fl-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż, iġegħluna nirsistu biex ikollna l-aħjar bilanċ bejn l-edukazzjoni ġenerali u l-ispeċjalizzazzjoni partikolari, kif ukoll fuq il-bżonn, li l-istrateġiji pedagoġiċi għal diversifikazzjoni aktar wiesgħa ta' din il-fażi jibqgħu suġġetti għal reviżjoni u aġġornament kontinwu.

(3) L-istudent għandu jkun konvint japprezza li l-edukazzjoni ġenerali wiesgħa hija *sine qua non* biex jakkwista l-flessibilità.

Kontenut

Is-suġġetti li jkunu l-aktar marbuta ma' l-ispeċjalizzazzjoni li jagħżel l-istudent għandhom naturalment jingħataw l-aktar attenzjoni u l-itwal ħin minn dak dedikat għal edukazzjoni formali. Il-Kurrikulu Minimu, f'dawn is-suġġetti, irid isegwi l-iżviluppi li jkunu qegħdin isiru internazzjonalment f'dak il-qasam.

Dak li għandu jkun il-Kurrikulu tal-qalba komuni, 'il barra mis-suġġetti ta' l-ispeċjalizzazzjoni, għandu jingħabar fil-klassifiki ġenerali skond kif sar fil-Kurrikulu Minimu Nazzjonali tal-Primarji u s-Sekondarji.

Il-programmi għandhom jitfasslu għalhekk f'dawn is-sitt arei li ġejjin:—

(1) **Il-Klassifika Morali:**

biex l-istudent japprezza l-ħtieġa ta' prinċipji morali li jirregolaw l-imġiba tiegħu kif ukoll l-organizzazzjoni tas-soċjetà;

biex tikber fl-istudent il-kuxjenza dwar id-drittijiet u d-dmirijiet ta' kull persuna, kif ukoll l-importanza li wieħed jiżgura d-drittijiet u jwettaq id-dmirijiet sa fejn hu kapaċi;

biex l-istudent iħoss impenn li jimxi skond l-etika professjonali ta' l-ispeċjalizzazzjoni tiegħu;

biex l-istudent jifhem li l-edukazzjoni għolja tqegħedlu fuqu piż akbar ta' responsabbiltà lejn is-soċjetà u l-ambjent;

biex l-istudent irawwem fih is-sens ta' l-importanza tas-saħħa fiżika u l-bilanċ mentali.

(2) **Kapaċità ta' Komunikazzjoni:**

Wieħed jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kapaċità li tikkomunika kemm bil-fomm u kemm bil-kitba;

l-istudent ikun imħeġġeġ biex jistaqsi, u jistaqsi tajjeb u f'postu;

huwa jkun imħajjar jitkisser fil-kapaċità li jirreaġixxi u jilqa' r-reazzjoni;

ikunu żviluppati l-fakoltajiet ta' analiżi u ta' kritika;

ikun imsaħħaħ fl-istudent is-sens tan-numru u l-kalkolu matematiċi;

l-istudent ikun imdorri l-użu tal-kompjuters u jkun imqiegħed qrib tal-possibilitajiet ta' l-informatika;

(3) **Il-metodu xjentifiku bħala dixxiplina:**

Wieħed għandu jkabbar l-apprezzament tas-suċċessi tal-bniedem meta rnexxielu jsib is-sigriet tal-forom mistura fin-natura u l-ħajja;

wieħed għandu jqiegħed l-iskoperti xjentifiċi f'perspettiva storika u jirkaċċa l-mod kif influwenzaw il-mixja ta' l-istorja;

wieħed għandu jfittex li titnissel id-drawwa tas-serjetà rigoruża u l-preċiżjoni: l-għerq essenzjali tal-metodu xjentifiku.

(4) **Il-ħajja ċivili hi mibnija fuq il-kultura:**

L-isfond storiku tal-kultura tagħna.

X'qed jiġri madwarna:

(a) ġrajja
(b) tematika fundamentali;

tagħrif elementari dwar l-ekonomija u kif għandha influwenza dominanti fuq dak li jiġri fid-dinja;

l-arti: apprezzament aktar profond tal-letteratura, l-arti drammatika, il-mużika u l-arti figurattivi, bħala espressjoni ta' ruħ il-bniedem;

il-kuxjenza ambjentali: rispett lejn l-ambjent li fih ngħixu lkoll u li minnu tiddependi l-eżistenti tagħna;

perspettiva storika li tenfasizza l-wirt komuni ta' l-Ewropa, imżewwaq kif inhu, b'kulturi diversi.

(5) **Ix-xogħol bħala inizjattiva:**

Żvilupp tal-kapaċità li tħoll il-problemi bħala l-mod ta' kif tegħleb il-kuntrarju;

l-inizjattiva u l-ispirtu ta' intrapriża fil-linja ta' l-etika tax-xogħol;

l-apprezzament tat-teknoloġija bħala x-xjenza applikata, u l-edukazzjoni fix-xewqa kostanti li wieħed jieħu sehem fil-produzzjoni teknoloġika u fl-invenzjoni ta' modi ta' applikazzjoni tat-teknoloġija.

(6) **Fil-qasam tas-sentimenti:**

Wieħed għandu jipprova jsawwar direzzjoni interna fl-istudent, permezz ta' gwida u tagħlim dwar is-sitwazzjonijiet tal-ħajja biex jista', b'maturità, jamministra sewwa r-relazzjonijiet sentimentali tiegħu f'kull ċirkostanza;

wieħed għandu wkoll irawwem is-sens ta' kif juża l-ħin liberu, billi jiżra' l-entużjażmu għal prattika ta' l-isport kif ukoll għal attivitajiet oħra pożittivi.

Riżultati tat-tagħlim

B'mod aktar ċar u dikjarat, jingħad li r-riżultati tal-proċess edukattiv fl-istituzzjonijiet tat-Tagħlim Post-Sekondarji, inklużi dawk strettament professjonali u ta' taħriġ, għandhom ikunu dawn li ġejjin:—

(1) valuri morali
(2) faċilità ta' komunikazzjoni
(3) faċilità ta' użu tan-numri
(4) applikazzjoni tat-teknoloġija
(5) kapaċità ta' analiżi u ta' kritika
(6) għarfien tax-xogħol u d-dinja
(7) ħila li tħoll problemi kemm waħdek kif ukoll ma' oħrajn
(8) atteġġjament favorevoli għat-tibdil
(9) perspettiva storika ġenerali
(10) użu għaqli tal-ħin liberu.

Kull skola għandha tagħmel sillabu dettaljat biex tikkonforma ma' dak mitlub fil-Kurrikulu Minimu Nazzjonali Post-Sekondarju. Waqt li jsir dan, irid ukoll isir sforz biex il-Kurrikulu Komuni jkun relatat kemm mal-programm ta' l-istudju partikulari, kif ukoll mal-bżonnijiet tat-tip ta' student li jkun qed jitgħallem f'dik l-istituzzjoni.

Kif iżżomm is-sistema taħt kontroll

Meta qed ikun spjegat il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali għall-Edukazzjoni Post-Sekondarja, għandu jinżamm il-ħsieb li dan il-Kurrikulu jkompli ma' dak ta' qablu u juża bejn wieħed u ieħor l-istess kategoriji. Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali fl-istadji ta' qabel huwa parti minn struttura waħda organika.

It-tibdil li jsir f'xi wieħed mill-erba' Kurrikuli jġib neċessarjament miegħu tibdil fl-oħrajn.

Għaldaqstant tinħass il-ħtieġa li wieħed jagħmel enfasi biex kemm jista' jkun l-istrateġiji edukattivi ta' l-ekonomija tagħna, miftuħa kif inhi għal influssi barranin, jinżammu dejjem taħt eżami kontinwu. Wieħed irid joqgħod attent li ma jittrattax problemi bieċa bieċa kif jinqalgħu. Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni għandu jqajjem kuxjenza nazzjonali fuq din il-ħtieġa biex is-soċjetà Maltija kollha kemm hi, f'livell aktar avanzat kemm ta' kultura kif ukoll ta' teknoloġija, thoss il-bżonn ta' rivalutazzjoni, reviżjoni, adattament u riforma fis-sistema edukattiva.

Metodu ta' kif isiru l-eżamijiet

Diġà fil-każ tal-proġett teknoloġiku fl-Oqsma ta' l-Għerf, qed isiru testijiet fl-iskola stess u mhux nazzjonalment. Jinħtieġ li aktar eżamijiet isiru oralment u wara perjodi qosra (anki meta miktuba) li jagħtu opportunità ta' stima individwali progressiva. Mill-anqas, l-orali għandhom jiddeterminaw l-għoti ta' terz tal-marki.

Jekk tingħata aktar importanza għall-eżami orali fil-livelli kollha, l-istudent jibda joqgħod attent għal xi nuqqas tiegħu fil-kapaċità li jesprimi ruħu u l-għalliema jibdew jaħsbu għar-rimedji. L-eżami orali, billi jiffavorixxi l-kapaċità komunikativa, iħajjar ix-xogħol ta' grupp u joħroġ fid-diskussjoni l-kapaċità ta' kulħadd fis-soluzzjoni ta' problemi. Dan ukoll iservi biex l-istudent jegħleb tfixkil għall-espressjoni li ġej millmistħija jew minn emozzjonalità żejda u jifrex l-egħruq tal-fiduċja fih innifsu malli jinduna li rfina l-mod kif jispjega ruħu. It-tħejjija għall-oral tgħin ukoll biex suġġetti differenti jkunu konsidrati flimkien bil-paragun bejn ħaġa u oħra u taħdem kontra t-tagħlim mekkaniku u bl-amment.

Il-kelma ħajja, kuntrarjament għal dik miktuba, u għalhekk aktar artifiċjali, tagħti skop għall-iżvilupp tal-kulturi orali li jeżistu fi ħdan is-soċjetà Maltija rappreżentata fil-popolazzjoni skolastika.

Huwa importanti wkoll li jsir ħafna aktar użu mis-sistema ta' eżamijiet kumulattivi perjodiċi, skond il-każ, flok is-sistema preżenti ta' eżami fl-aħħar tas-sentejn.